MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 2114/1998/1

**Gasan Insurance Agency Ltd bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha it-tabib Charles Mallia u b'nota tat-22 ta' Novembru 2000 Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-Socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Charles Mallia assumiet l-atti minflok Gasan Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghhom premessa.**

**vs**

**Francis Falzon**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Jannar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li din il-Qorti:-

1 Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-12 ta’ Dicembru 1996 fil-limiti tal-Mosta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru L-3708, b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mall-vettura numru I-32535 propjeta ta’ assikurat tal-attur u kkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura;
2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta’ hames mija u tnejn u tlettin Lira Maltin u tlett centezmi (Lm532.03) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi; u
3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar 1997, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Francis Falzon fejn eccepixxa illi:

1 Dak li talab l-attur noe ghandu jigi rigettat ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti t-tabib Charles Mallia assikurat mal-attur noe.

2 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat il-verbal tal-24 t’Ottubru 2001 fejn il-konvenut kif assistit jiddikjara illi huwa qed jikkontesta biss ir-responsabbilta u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi dwar ir-responsabilita jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa involuti in kwistjoni u tal-Ufficjal tal-Pulizija illi investiga l-kaz.

Dawn ix-xhieda jaqblu ilkoll dwar il-manuvri respettivi li jghamlu z-zewg sewwieqa u dwar kif grat il-kollizzjoni. Jirrizulta illi waqt illi  Dr Charles Mallia kien qieghed issuq il-vettura tieghu bin-numru I-3523 fit-Triq Farinol, il-Mosta, il-konvenut irriversja l-vettura bin-numru L 3703 sabiex jaqsam din it-triq u jdahhala go garage illi kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tat-triq qal/ghal Dr Charles Mallia illi ebda wiehed miz-zewg  ma jirrizulta illi kien innota il-vettura l-ohra qieghda mixja  u taghmel il-manuvra li ghamlet.

Jirrizulta wkoll illi pparkeggjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq qal/ghal Dr Charles Mallia, kien hemm van tal-hobz ipparkjat illi kien bil-fors qieghed jostakola l-vizwali kemm tal-konvenut kif ukoll l-vizwali ta’ Dr Charles Mallia biex dan setgha jinnota il-vettura tal-konvenut fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Izda ghalkemm huwa obbligu ta’ kull sewwieq illi jzomm ‘a proper look out’ anke meta hu miexi ghad-dritt go triq principali, l-obbligu ta’ Dr Charles Mallia illi joqghod attent illi ma jostakolax il-manuvra ta’ minn ried jostakolalu t-triq tieghu, am kienx obbligu daqstant gravi daqs kemm kien tal-konvenut.

Biex il-konvenut jghamel il-manuvra tieghu u jaqsam fit-triq principali biex idahhal il-vettura fil-garage, u b’hekk ried bilfors jostakola t-traffiku li kien qieghed juza din it-triq, huwa kien obbligat illi jaccerta ruhu sew illi ebda karrozza ma kienet qed tavvicina l-vettura tieghu meta u qabel ma ghamel il-manuvra.  Iktar u iktar dan l-obbligu

kien aggravat minhabba l-impediment li kien qieghed joffri l-van tal-hobz ipparkajt u anke minhabba l-fatt illi kien qieghed isuq il-karrozza lura.

Ghalhekk meta l-konvenut jiddikjara illi huwa ma kienx ra lill-vettura l-ohra qabel ma habat maghha, jimplika bilfors illi l-konvenut naqas mill-obbligu tieghu illi jzomm ' a proper look out' u li ma jostakola lill ebda vettura li kienet qed tuza t-triq principali u ghaldaqstant ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kolizzjoni.
Konsegwentement ghandhu wkoll jirrispondi ghad-danni kollha rizultati.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fit-12 ta' Dicembru 1996 u ghad-danni kollha konsegwenzjali, qieghdha tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm532.03 (hames mija tnejn u tletin lira Maltin u tlett centezmi) u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas is-somma lill-kumpanija attrici bl-imghaxiijet legali b'effett mill-20 ta' Novembru 1998; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

L-appell interpost mill-konvenut fil-konfront tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti hu bazat fuq l-aggravju ta' l-apprezzament tal-provi. Huwa jargomenta illi kieku s-sewwieq tal-vettura l-ohra zamm 'proper look out" kien jara l-manuvra tieghu ta' indetreggjar tal-karozza ghal gol-garage, u allura dan messu hallih itemmha u mhux jibqa' ghaddej.

Huwa ormaj pacifiku in materja ta' incidenti awtomobilistici illi wiehed ghandu jezamina x'kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni. Imbaghad, biex tigi accertata din il-kawza prossima jehtieg li wiehed jara x'kienet ir-rejazzjoni antecedenti tas-sewwieqa involuti fl-incident.

Il-fattezzi tal-kaz huma pjuttost semplici:-

(1) Is-sewwieq it-Tabib Charles Mallia iddepona (fol 46) li hu hareg minn triq laterali u dahal fi Triq il-Farinal miexi

bil-mod max-xellug tat-triq. Din it-triq laterali li hareg minnha kienet madwar tul ta' tliet karozzi minn fejn grat il-habta. Hekk kif lemah il-karozza misjuqa mill-konvenut gejja b'lura ghal fuqu daqq il-horn. Ciononostante xorta sehhet il-kollizjoni fil-mument li hu kien ghaddej minn quddiem il-garage li fih kien intenzjonat jidhol il-konvenut;

(2) Minn naha tieghu l-konvenut jirrakkonta illi wara li dahal fil-vettura, hares fuq iz-zewg nahat u meta ra li ma kien gej hadd irriversja. Fuq in-naha leminija tieghu kien hemm stazzjonat van tal-hobz. Huwa jistqarr li nduna li habat ghax sema' d-daqqa. Jammetti wkoll li ma kellu lil hadd jassistih biex seta' jirriversja. B'danakollu izid jghid li hu kien qed jara tajjeb.

Hemm certament qbil mal-osservazzjoni tal-apellanti illi kull sewwieq ghandu dover. Dover li jikkoordina l-moviment tieghu mat-traffiku l-iehor. Dan ighodd kemm ghal min ikun hiereg minn xi triq laterali u kemm ghal min qed isuq fi dritt f'xi triq magguri billi anke hawn irid ikun preparat ghal dak li jizvolgi quddiemu. Mhux biss dan ghax anke irid joqghod attent ghal min ikun gej minn warajh u jevita li jaghmel manuvri inkonsulti. Il-vigilanza u l-attenzjoni ma ghandha tonqos qatt. Aktar mir-regolamenti huma l-prudenza u l-bon sens li ghandhom jirregolaw is-sewqan. Ghalhekk ma tistax tigi abbraccjata l-osservazzjoni l-ohra tal-konvenut illi una volta li ghamel il-verifiki tieghu qabel beda jindetreggja "ma setax jobsor min ser ifigg fit-triq u kif dan ser igib ruhu". It-toroq qeghdin hemm biex minnhom jaghmlu uzu l-utenti u r-raguni kellha tiddettalu joqghod gwarding il-hin kollu mill-mument li jibda l-manuvra tieghu ta' indetreggjar sakemm jikkompletaha.

Fil-fehma tal-Qorti jidher li l-konvenut ghamel 'error of judgement' u kellu inkomprensjoni tar-regolamenti stradali. Jekk kull driver ghandu joqghod dejjem attent, huwa intwittiv li sewwieq li jiddeciedi li jsuq vettura bl-lura ghandu obbligu magguri meta b'dan il-mod ikun jehtieglu jaqsam il-kurrent tat-traffiku li jista' wkoll jasal inaspettat. Multo magis, imbaghad meta l-vizwali tieghu tkun impeduta b'xi ostakolu, bhal f'dan il-kaz il-van tal-hobz.

Huwa veru li d-dover u r-regolamenti jghoddu ghal kull driver imma l-konvenut ma jistax jippretendi li dawn jigu invertiti. Jekk ma kienx 'safe' ghalih li jitraversa t-triq bir-reverse messu assikura preventivament li jkollu lil xi hadd jassistih. Il-fatt biss li sehhet il-habta ghandu necessarjament ifisser, fil-kontradditorjeta' ta' dak minnu ritenut, illi mhux minnu jew attendibbli illi kien qed jara tajjeb.

Dan il-fatt ukoll ghandu jkun deciziv tar-responsabilita' tieghu. Il-kalkolu li ghamel kien wiehed zbaljat billi ma setax jintercetta t-triq ghal min bhat-Tabib Mallia kien ghaddej isuq minnha fid-dritt. Il-manuvra ghamilha ghar-riskju tieghu u l-kollizjoni li avverat kienet htija tieghu.

Konsegwentement wara li ikkonsidrat ir-rizultanzi ta' fatt oltre r-regolamenti, ben precizati mill-atturi, l-Qorti hi tal-fehma li l-fattur determinanti tal-kollizzjoni 'de quo' kien l-ghemil inkonsult tal-konvenut. F'dan ir-rigward ghalhekk id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tibqa' inattakkabbli.

Ghal dawn il-motivi, u dawk l-ohra tal-Qorti ta' l-ewwel istanza, l-appell interpost qed jigi respint, u s-sentenza konfermata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mil-konvenut appellant.

Dep/Reg
cb